MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 781/2013

**Frederick Olive [K.I. Numru 0049537(A)] u martu Marie Jose Germaine Simonne Olive [K.I. Numru 0049536(A)]**

**vs**

**K.N.K. Air Conditioners Co. Limited [Reg. No. C-17462]**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

Ra li fl-AVVIZ l-Attur ippremettiet li fit-18 ta' Dicembru 2009 xtara minghand is-Socjeta' konvenuta (u minnha installati fil-post) tliet *units* tal-arja kondizzjonata tad-ditta Artel kif ukoll *heater* u dawna versu l-prezz ta' €4,270 liema bejgh sar bil-garanzija ta' 5 snin. F'Settembru 2012 zewg *units* tal-Artel ma bdewx jiffunzjonaw. Interpellata b'ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2013 (ara *fol* 10) is-Socjeta' Konvenuta naqset milli tirrimedja ghal dan. Hawn l-Attur ghadda biex **talab** li s-Socjeta' Konvenuta tigi kundannata thallsu l-*quantum* ta' elfejn u tmenin Ewro (€2080) – valur taz-zewg *units* imsemmija.

Bhala RISPOSTA (*fol* 34) intqal li t-talbiet attrici huma nfondati.

B'Nota ta' Eccezzjonijiet ulterjuri is-Socjeta' Konvenuta eccipiet:-

1. Preskrizzjoni skond art 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Nuqqas ta' depozitu tal-oggetti in kwistjoni stante li l-atturi ma jistghux jitolbu r-rifuzjoni tal-prezz taghhom filwaqt li jzommu l-istess.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu siltiet mill-provi li jitqiesu mal-bqija ta' dak kollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL, inkluzi dokumenti u li jinsabu fil-process.

2. Fl-affidavit (bl-Ingliz) *a fol* 20 (Dok FO) l-Attur qal li kien gej Malta ghall-ahhar ta' Settembru 2012 u l-*handyman* meta mar ha jnaddafhomlu sab liz-zewg *units* ma jahdmux. Is-Socjeta' Konvenuta qalet li dan kien kagunat minn sajjetta. Meta avvicina lill-Assikuraturi tieghu (GasanMamo) l-Attur ntqallu li ma kien hemm ebda prova ta' hsara minn sajjetta. Is-Socjeta' Konvenuta semmiet sajjetta **wara** li qalet li l-partijiet danneggjati ma setghux jinbidlu ghax "were no longer available". Ghalhekk l-Attur kellu jixtri *units* ohra bi prezz oghla. Ma setax ikun f'daru fix-xitwa bla ma jsahhan id-dar.

3. Christopher Ellul pprezenta Rapport Tekniku li jinsab *a fol* 39. Hu spezzjona l-*units* fil-post fid-19 ta' Dicembru 2012 ma Philip Farrugia li qallu li beda jissuspetta f'xi hsara anke fis-sajf ta' qabel. It-tekniku qal li meta pprova jinvestiga ulterjormanet u avvicina lill Mr. Pierre tas-Socjeta' Konvenuta dan qallu li jhallu kollox f'idejn l-avukati. Fic-cirkostanzi "I am not in a position to establish with absolute certainty the root-causes of the damage". Eskluda izda xi *high voltage* jew sajjetta ghax kieku kienu jigi affettwat l-apparat elettroniku l-iehor ukoll.

4. Philip Farrugia, *plumber* u *electrician* qal li lill-Attur kien hadimlu zewg kmamar tal-banju u meta kien ikun imsiefer kien johodlu hsieb il-post. Spjega kif induna bil-hsara (ara xhieda *fol* 41/42)

5. Fl-affidavit tieghu Peter Micallef, imqabbad mis-Socjeta' Konvenuta, qal li xi sentejn qabel ghamel l-affidavit kien spezzjonia zewg *airconditioners* fil-propjeta' tal-Attur, Triq Rodolfu, Sliema u sabilhom hsara li jattribwixxi ghal *short circuit* jew sajjetta. Dan ma setghax ikollhom difett "ghax kien ilhom li twahhlu". Jaf b'kazijiet fejn sajjetta tkun ghamlet hsara lil haga izda mhux lil ohra wkoll (ara *fol* 45).

6. Pierre Vella Petroni, direttur tas-Socjeta' Konvenuta, qal li in vista tar-rapport ta' Peter Micallef, deherlu li huma ma kellhomx jerfghu responsabilta' ghall-hsara.

III KONSIERAZZJONIJIET

1. L-Ewwel ma trid titqies hi l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mis-Socjeta' Konvenuta. Din hi l-preskrizzjoni *per* art 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. It-TRIBUNAL hass li ghandu jqis dan fid-dawl tal-provi kollha li tressqu quddiemu u dana sabiex wiehed ikun jista jifhem u japprezza is-sitwazzjoni kollha. Iktar u iktar meta ghandek xerrej (l-Attur) li jkun imsiefer u jkollu lil haddiehor johodlu hsieb hwejgu meta jkun imsiefer.

2. Art. 1431 jipprovdi li meta l-akkwirent ma setax jinduna bid-difett mohbi qabel, it-terminu preskrittiv jibda ghaddej minn meta sata jinduna bid-diffett. It-terminu hu ta' sitt xhur f'kaz ta' oggett mobbli, bhal fil-kaz prezenti.

3. L-Attur qal li <u>ghall-ahhar ta' Settembru 2012</u> il-*handyman* tieghu Philip Farrugia induna li z-zewg *air-conditioners* ma bdewx jahdmu. Da parti tieghu Farrugia qal li fis-Sajf ta' qabel meta mar ihaddem l-*air conditioners* wiehed minnhom hadem imma <u>ma kessahx</u>. Gharraf lill-Attur b'email u dan qallu javvicina lis-Socjeta' Konvenuta u hekk ghamel.

4. L-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja saret permezz ta' ittra ufficjali data 21 ta' Frar 2013 u li giet notifikata fis-27 ta' Frar 2013 (ara riferta fuq wara ta' *fol* 10). Hawn it-TRIBUNAL ihoss li hu pruvat li kienu nqabzu s-sitt xhur imsemmija minn meta nghata l-ewwel *avviso ai naviganti*. Aktar minn hekk, l-Avviz iddahhal fit-28 ta' Novembru 2013 – 'l hinn sew mis-Sajf 2012. Ir-RISPOSTA (l-ewwel wahda) ghal din iddahhlet il-Qorti fil-21 ta' Ottubru 2014 kwazi sena wara li ddahhal l-AVVIZ. Veru li l-Attur sab diffikulta' biex jinnotifika lis-Socjeta' izda r-rimedja ma kienx impossibli u l-ligi tipprovdi ghal dan. Hemm l-art 1407(2) tal-Kap 16 (li jirriferi ghalih l-art 1431(3) li jirrigwarda notifika lill-assenti fost ohrajn.

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) <u>**jilqa**</u> l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni msemmija (2) <u>**jichad**</u> it-talba Attrici u, fic-cirkostanzi, (3) <u>**jordna**</u> u <u>**jiddeciedi**</u> li dwar spejjes dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------